MALTA

# QORTI TA' L-APPELL
## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2014

Appell Civili Numru. 104/2012

Malcolm **Mallia**

**vs**

**L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Mark Gauci, Marisa Gauci, Mary Carmen sive Marlene Spiteri, Jospeh Spiteri, Denise Borg, Marco Seifert, Josephine Azzopardi, Richard Azzopardi, Ivan Pace Moore u Michelle Pace Moore qua third party objectors tat-30 ta' Mejju 2012 li fi kliemhom hadu sehem fil-process relattiv ghall-applikazzjoni PA 6858/04 maghmula minn Malcolm Mallia biex jizviluppa sit fi Triq San Frangisk kantuniera ma' Triq San Gabriel, Balzan biex jibni appartamenti u garages liema applikazzjoni giet milqugha mit-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar fl-10 ta' Mejju 2012 wara li rrevokat id-decizjoni ta' rifjut tal-Awtorita;

Rat ir-risposta ta' Malcolm Mallia;

Rat li l-Awtorita wkoll hassitha aggravata mid-decizjoni tat-Tribunal tal-10 ta' Mejju 2012 u interponiet appell separat, appell numru 99/12 li pero gie cedut fil-mori ta' dawn l-istess proceduri;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet limitatament ghall-ewwel eccezzjoni preliminari ta’ Malcolm Mallia cioe li l-appell hu null ghax l-appellanti ma ghandhomx dritt jintavolaw l-appell a bazi tal-artikolu 11 tat-Tieni Skeda tal-Kap. 504;

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta mill-atti illi l-appellanti kienu registered objectors quddiem l-Awtorita u quddiem il-Bord tal-Appell kif kien maghruf dak iz-zmien ghalkemm huma ma ntavolawx appell quddiem l-istess Bord.

Pero bhala registered objectors japplika dak li jipprovdi l-artikolu 41(6) tal-Kap. 504 li jitkellem dwar appell li jsir mill-appellant jew minn kulll parti ohra fl-appell. Dan is-subartikolu qed jirreferi ghall-appelli li jsiru quddiem il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) minn decizjonijiet quddiem il-Bord tal-Appelli jew kif inhu maghruf illum it-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar. Il-ligi titkellem dwar partijiet fil-proceduri quddiem il-Bord tal-Appell jew Tribunal.

Il-fatt li third party objector hu persuna interessata fil-proceduri, ma jfissirx b’daqshekk li awtomatikament jitqies bhala parti ghal finijiet tal-artikolu 41(6) tal-Kap. 504.

Il-Qorti tirreferi ghas-segwenti artikoli fil-Kap. 504:

L-artikolu 68(4) tal-Kap. 504 ighid hekk:

> Kull persuna tista’ tiddikjara interess f’xi żvilupp u, abbażi ta’ raġunijiet li jkunu rilevanti għall-ippjanar, tagħmel ilmenti dwar dak l-iżvilupp. Dik id-dikjarazzjoni ta’ interess flimkien mal-ilmenti għandha ssir bil-miktub u tasal għand l-Awtorità fiż-żmien kif stabbilit mill-Awtorità.

L-artikolu 41(1)(c)(i) tal-Kap. 504 ighid hekk:

> dak l-appell [cioe quddiem it-Tribunal ta’ Revizjoni – kliem mizjud mill-Qorti] jista’ jsir biss minn terza persuna interessata li tkun għamlet xi kummenti bil-miktub skont l-artikolu 68(4) meta tiġi pubblikata l-applikazzjoni għall-għemil ta’ żvilupp,

Il-paragrafu 7 tat- Tieni Skeda tal-Kap. 504 ighid hekk:

> Jekk l-appellant jew l-Awtorità ma jaqblux ma' xi punt ta' liġi deċiż mit-Tribunal, huma jistgħu jappellaw lill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) b'rikors ippreżentat kif provdut fl-artikolu 41

Il-paragrafu 11 tat- Tieni Skeda tal-Kap. 504 ighid hekk:

> Terza persuna li tkun reġistrata skont l-artikolu 68(4) ta' dan l-Att għandha tiġi infurmata mit-Tribunal li jkun ġie ppreżentat appell u din tista' titlob lis-Segretarju tat-Tribunal sabiex jirreġistraha bħala terza persuna interessata f'dak lappell. Tali persuna għandu jkollha d-dritt li tindirizza lit-Tribunal u tista' tkun mitluba mill-Awtorità jew mill-Kummissjoni sabiex tagħti x-xhieda fil-proċedimenti ta' appell rigward l-imsemmi appell. Sakemm it-Tribunal ma jiddeċidix mod ieħor, tali persuna tista' tkun preżenti matul is-seduti tat-Tribunal. Tali persuna ma tkunx tista' tattendi fuq il-post meta t-Tribunal jidħol fuq il-proprjetà tal-appellant jekk l-appellant joġġezzjona għall-preżenza ta' tali persuna fil-proprjetà tiegħu. Tali persuna għandu jkollha d-dritt li tingħata kopja tad-deċiżjoni tat-Tribunal fir-rigward ta' dawk il-proċedimenti ta' appell li għalihom ikunu ġew reġistrati mis-Segretarju tat-Tribunal bħala terzi persuni interessati. Tali persuna ma tistax tagħmel appell minn deċiżjoni tat-Tribunal quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri).

La darba r-registered objector ma ghamilx appell quddiem il-Bord tal-Appell jew kif inhu maghruf illum it-Tribunal ta' Revizjoni ghall-Ambjent u l-Ippjanar ma jistax jitqies la bhala appellant f'dawn il-proceduri u lanqas parti fihom. Ma jfissirx li r-registered objector ma ghandux locus standi quddiem it-Tribunal jekk ikun aderixxa mal-artikolu 68(4) tal-Kap. 504.

Fil-fatt kif ighid l-istess artikolu 41(8) tal-Kap. 504 it-terz interessat ghandu jinghata avviz tal-ewwel seduta quddiem it-Tribunal pero jaghmel distinzjoni bejn partijiet u terzi interessati li rregistraw l-interess taghhom skond ma jipprovdi l-artikolu 68(4).

In oltre japplika ghalih dak provdut fil-paragrafu 11 tat- Tieni Skeda tal-Kap. 504 pero limitatament ghal dak li jipprovdi l-istess paragrafu. B'daqshekk pero la jsir parti fil-proceduri kif trid il-ligi u japplika ghalih id-dipost ta' dan il-paragrafu ghal proceduri quddiem il-Qorti tal-Appell. Jitqies parti biss jekk ikun appella mid-decizjoni tal-Awtorita skond ma jipprovdi l-artikolu 41 tal-Kap. 504.

F'dan il-kaz jidher li t-terzi interessati qua registered objectors fl-ebda stadju ma tqiesu jew setghu jitqiesu bhala appellanti fil-proceduri quddiem il-Bord tal-Appell u ghalhekk ma jistghux jitqiesu bhala parti f'dawn il-proceduri u kwindi ma kellhomx id-

dritt jappellew quddiem il-Qorti tal-Appell skond ma jipprovdi l-paragrafu 11 tat-Tieni Skeda tal-Kap. 504.

Ghalhekk il-Qorti tqis ir-risposta preliminari ta' Malcolm Mallia bhala fondata fil-ligi.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' r-risposta preliminari ta' Malcolm Mallia u tiddikjara null u bla effett l-appell interpost mill-appellanti peress illi ma ghandhomx il-jedd li jappellaw skond il-ligi. Spejjez ghall-appellanti.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------